**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 t'Awissu, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**-vs-**
**Clint Zammit detentur tal-karta tal-identità bin-numri 0572888M**

***Kumpilazzjoni Nru. 33/2020***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Clint Zammit** u ċioè talli:

1. Nhar l-20 ta' Jannar 2020, għall-ħabta ta' bejn it 20:30hrs u id-21:00hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq L-Imrabat, Sliema, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin u li sar għad-dannu tas-sidien tal-imsemmija ħanut u/jew ta' xi persuna/i oħra;

2. U aktar talli fi-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Charlene Hussein u Maria Borġ kontra l-volonta' tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ġarr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma' kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli nhar id-19 ta' Jannar. 2020, għall-ħabta tad-21:30hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq Nazju Ellul, Gżira, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu ( €2329.37), u bil-ħin, u li sar għad-dannu tas-sidien tal-imsemmija stabbiliment u/jew ta' xi persuna/i oħra;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita; kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Alan Spiteri kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il-barra xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta'liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. datata 11 ta' Diċembru, 2019, li biħ tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

8. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta'sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta'ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab imputat bihom l-imputat, tal-fedina penali refrattarja tieghu, tal-ammissjoni minn tieghu li saret appena inqraw l-artikoli w tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(ċ)(e), 87 (1)(e), 261(a)(b)(c)(f) 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 278, 279(a), 280, 281, 284 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal **erba snin prigunerija** u multa ta' **€232.94c.**

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Alan Spiteri, Charlene Hussein u Maria Borg ghal zmien tlett snin millum.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' **€2,232.78** rapprezentanti l-ispejjez peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**